Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89

(2020/C 254/07)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA TAL-FAJL TEKNIKU TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA

"Münchener Kümmel"/"Münchner Kümmel"

Nru tal-UE: PGI-DE-01992-AM01 – 28.9.2017

Lingwa tal-emenda: Il-Ġermaniż

Intermedjarju

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Isem l-intermedjarju:

Bundesverband der Deutschen Spirituosen-Industrie und -Importeure e. V. [l-Assoċjazzjoni Federali tal-Industrija Ġermaniża għax-Xorb Spirituż u Importaturi ta' Xorb Spirituż]

Urstadtstraße 2
53129 Bonn
DEUTSCHLAND

Telefown: +49 228539940

Posta elettronika: info@bsi-bonn.de

Südostbayerischer Verband der Obst- und Kleinbrenner e. V. [l-Assoċjazzjoni Bavariża tax-Xlokk għall-Ispirti tal-Frott u Distillaturi ta' Skala Żgħira]

Werkstraße 16
84513 Töging am Inn
DEUTSCHLAND

Telefown: +49 8631185861

Posta elettronika: info@obstbraende-bayern.de

Isem l-Indikazzjoni Ġeografika

"Münchener Kümmel"/"Münchner Kümmel"

Intestaturi fl-Ispeċifikazzjoni affetwati mill-emenda

Isem protett::	1. ortografija sinonima tad-Denominazzjoni
Oħrajn::	2. bidla tal-kategorija

Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet ta' kontroll: 3. ħassir ta' *data* personali

Emenda

Emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott li twassal għal emenda tal-ispeċifikazzjonijiet ewlenin

Spjegazzjoni tal-emenda

1. Ortografija sinonima tad-Denominazzjoni

Minbarra l-Indikazzjoni Ġeografika "Münchener Kümmel" irreġistrata fl-Anness III tar-Regolament tal-KE, l-emenda tikkonċerna d-Denominazzjoni "Münchner Kümmel" (mingħajr l-ewwel "e") bħala Indikazzjoni Ġeografika sinonima fakultattiva. Iż-żewġ ortografiji għandhom ikunu awtorizzati. L-ortografija mingħajr l-ewwel "e" ġejja mill-mod li bih l-isem sikwit jiġi pronunzjat.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

2. Bidla tal-kategorija

L-aktar emenda importanti tikkonċerna t-Taqsima 1.1.2 tal-fajl tekniku (Kategorija), jiġifieri l-fatt li l-klassifikazzjoni tal-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" għandha tinbidel mill-kategorija Nru 32 ("Likur") fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ir-Regolament Bażiku dwar ix-Xorb Spirituż) għall-kategorija Nru 23 ("Xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi").

Fit-Taqsima 1.1.2 il-kategorija Nru "32. Likur" sempliċiment inbidlet għall-kategorija Nru "23. Xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi". Peress li l-prodotti kollha se jkomplu jiġu mirqumin għat-togħma biz-zokkor, iżda se tiġi offruta firxa usa' ta' prodotti li jvarjaw fil-ħlewwa, mhu qed jiġi stabbilit l-ebda kontenut minimu ta' zokkor. Barra minn hekk, il-pjan li jiġu offruti prodotti b'kontenut ta' zokkor ta' inqas minn 100 g għal kull litru tal-prodott finali huwa konformi mal-istrateġija tal-Gvern Ġermaniż biex jitnaqqas il-kontenut ta' zokkor ta' prodotti tal-ikel finali fil-futur. Minħajr ebda dubju, xorta se jkun possibbli li jiġu kkummerċjalizzati prodotti b'kontenut ta' zokkor ta' mill-inqas 100 g għal kull litru ta' prodott finali. Għalhekk, il-bidla proposta fil-kategorija mhix ser tinvolvi emendi oħrajn fil-fajl tekniku.

L-Indikazzjoni Ġeografika rreġistrata "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" bħalissa hija elenkata fil-kategorija Nru 32 ("Likur") fl-Anness III tar-Regolament Bażiku dwar ix-Xorb Spirituż. Dan huwa dovut prinċipalment għar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 (l-ewwel Regolament Bażiku dwar ix-Xorb Spirituż), fejn id-denominazzjoni ġeografika "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*", għal raġunijiet legali, kellha tiġi kklassifikata bħala "likur" f'dak li kien l-Anness II.

Tradizzjonalment, il-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" ġie kkummerċjalizzat b'kontenut ta' zokkor relattivament għoli, f'xi każijiet ta' aktar minn 100 g għal kull litru ta' prodott finali. Taħt is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-ewwel Regolament bażiku dwar ix-xorb spirituż, kwalunkwe xorb spirituż b'kontenut ta' zokkor ta' mill-anqas 100 g għal kull litru ta' prodott finali ġie kkunsidrat awtomatikament, f'termini legali, bħala "likur", inklużi dawk prodotti permezz tal-metodu ta' produzzjoni għal "*xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi*". Il-kategorija tal-prodott "*xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi*" ġiet stabbilita fl-Artikolu 1(4)(n) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 u issa ġiet elenkata bħala l-kategorija Nru 23 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008.

Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ħoloq għall-ewwel darba l-possibbiltà li l-prodotti mibjugħa taħt denominazzjoni ta' bejgħ ġeneriku, u li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' aktar minn kategorija ta' prodott waħda, jiġu kkummerċjalizzati mill-forniturituri tax-xorb spirituż taħt isem tal-bejgħ wieħed jew aktar (ara l-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament).

Sabiex jevita li prodott li qabel kien ikkummerċjalizzat bħala "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" jiġi eskluż meta r-Regolament (KEE) Nru 1576/89 sar applikabbli fil-15 ta' Diċembru 1989, il-Gvern Ġermaniż kien iddeċieda li jikklassifika l-prodott taħt il-kategorija "Likur". Waqt id-diskussjonijiet li saru fl-2006 u fl-2007 dwar l-emenda tar-Regolament dwar ix-Xorb Spirituż, il-Gvern Ġermaniż ma ħax l-opportunità l-ġdida pprovduta fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 biex jikklassifika l-prodott "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" fil-kategorija tal-prodott 23 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament.

Il-likuri tal-karwija ġeneralment isiru permezz ta' taħlita sempliċi ta' alkoħol, ġeneralment alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, ma' zokkor u sustanzi jew preparati tat-taħwir. "*Xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi*", għall-kuntrarju, huma prodotti billi l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jiġi mħawwar biż-żrieragħ tal-karwija naturali permezz ta' metodi varji ta' taħwir. Fil-każ ta' "*xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi*", l-aktar metodi importanti ta' taħwir jikkonsistu fil-maċerazzjoni ta' żrieragħ tal-karwija fuq ċertu perjodu ta' żmien jew fil-maċerazzjoni b'distillazzjoni sussegwenti.

Barra minn hekk, l-isem tradizzjonali "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" huwa fih innifsu indikazzjoni li l-prodott huwa "*xarba spirituża bit-togħma tal-anisi*", jiġifieri prodott tal-kategorija Nru 23 tal-Anness II, u mhux "*likur tal-karwija*" fis-sens tal-kategorija Nru 32 ta' dak l-Anness.

3. Tħassir ta' *data* personali

Din l-emenda tikkonċerna t-Taqsima 12 tal-Ispeċifikazzjonijiet ewlenin. Id-*data* personali tal-ogħla awtorità tal-*Art* responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2019/787) tħassret minn dik it-taqsima.

SPEĊIFIKAZZJONIJIET EWLENIN TAL-FAJL TEKNIKU

"MÜNCHENER KÜMMEL/MÜNCHNER KÜMMEL"

Nru tal-UE: PGI-DE-01992-AM01 – 28.9.2017

1. **Isem**

"Münchener Kümmel/Münchner Kümmel"

2. **Kategorija tax-xorb spirituż**

Kategorija 23. Xarbiet spiritużi bit-togħma tal-anisi

3. **Deskrizzjoni tax-xorb spirituż**

Il-"*Münchener Kümmel*/*Münchner Kümmel*" huwa prodott fil-belt ta' Munich u fid-distretti rurali ta' Munich, Freising, Erding u Ebersberg billi l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jitħawwar bi żrieragħ tal-karwija (*Carum carvi* L.) u possibbilment b'ingredjenti oħra li jagħtu t-togħma.

Karatteristiċi speċifiċi (imqabbla ma' xarbiet spirituż tal-istess kategorija)

Qawwa alkoħolika minima ta' 32 % vol., ogħla minn dik stipulata għall-kategorija tal-prodott. Għaldaqstant, l-aroma tal-karwija hija aktar qawwija f'termini ta' riħa u togħma.

Minbarra l-karwija (żrieragħ), jistgħu jintużaw biss ingredjenti oħra li jagħtu togħma naturali bħall-ħxejjex aromatiċi jew il-ħwawar, inklużi sustanzi u preparati tat-taħwir naturali.

Addittivi tal-ikel, eż. koloranti, ma jintużawx.

Karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u/jew organolettiċi

F'termini tal-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi tiegħu, il-"*Münchener Kümmel*/*Münchner Kümmel*" għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

Rekwiżiti fiżiċi u kimiċi

Qawwa alkolika:	tal-anqas 32 % vol.;

Rekwiżiti sensorjali

Ċarezza:	trasparenti;
Kulur:	mingħajr kulur jew kemxejn safrani;
Riħa (aroma):	diskreta, jiġifieri delikata u ħafifa, sa riħa qawwija ta' karwija;
Togħma:	ħafifa, bilanċjata, b'aroma diskreta sa qawwija ta' karwija.

4. **Żona ġeografika kkonċernata**

Il-"*Münchener Kümmel*/*Münchner Kümmel*" isir fil-belt ta' Munich u fid-distretti rurali ta' Munich, Freising, Erding u Ebersberg.

Ma għadux neċessarju li ż-żrieragħ tal-karwija użati u l-ingredjenti l-oħrajn, eż. l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u z-zokkor, jiġu minn Munich jew miż-żona tal-madwar.

5. **Il-metodu kif isir ix-xorb spirituż**

Il-produzzjoni tal-"*Münchener Kümmel*/*Münchner Kümmel*" tinvolvi diversi passi:

L-ewwel pass tal-produzzjoni huwa li jitħalltu ż-żrieragħ tal-karwija u possibbilment ingredjenti oħra li jagħtu t-togħma, inklużi sustanzi u preparati tat-taħwir naturali, mal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u, skont ir-riċetta, mal-ilma.

Il-proċess tal-estrazzjoni tal-aroma huwa normalment segwit mill-ħżin u/jew mill-maturazzjoni f'kontenituri adattati.

Wara l-istadju tal-ħżin jew tal-maturazzjoni, il-proċess tal-produzzjoni jitlesta. Dan jinkludi:

— it-taħlit ta' estratti erbali maħżuna jew immaturati mal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola;

— iż-żieda fil-ħlewwa biz-zokkor jew bi prodotti oħra li jżidu l-ħlewwa fi kwantitajiet li jvarjaw, skont jekk it-togħma tal-verżjoni tal-prodott ikkummerċjalizzat għandhiex tkun aktar jew anqas ħelwa;

— ir-riduzzjoni tat-taħlita dolċifikata għall-qawwa tax-xorb billi jiġi miżjud l-ilma;

— il-filtrazzjoni (fejn ikun meħtieġ); u

— it-tikkettar u l-ippakkjar.

6. **Rabta mal-ambjent jew l-oriġini ġeografiċi**

Hemm evidenza li l-"*Münchener Kümmel*/*Münchner Kümmel*" ġie prodott fiż-żona metropolitana ta' Munich mill-bidu tas-seklu 19, kif għadu jsir sa issa.

Il-pjanti tal-karwija bi fjura bajda (*Carum carvi L.*) kienu jikbru fis-salvaġġ f'mergħat fiż-żona metropolitana ta' Munich. Il-karwija issa titkabbar bħala għalla madwar il-Ġermanja u fl-Istati Membri ġirien tal-UE, minn fejn tinkiseb għall-produzzjoni tal-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*".

Fil-kċina Bavariża u. b'mod partikolari, f'dik ta' Munich, li tinkludi xi platti utieqa bħal *Schweinshaxen* [sieq tal-majjal mixwija], *Schweinsbraten* ("*Münchener Kümmelbraten*") [majjal mixwi bil-karwija], il-karwija hija importanti wkoll, b'mod partikolari bħala ħwawar kulinari. Din tgħin id-diġestjoni u tipprevjeni l-gass wara li s-*sauerkraut* u tipi oħra ta' kaboċċi jkunu ttieklu bħala parti minn ikla. L-alkoħol huwa magħruf bħala solvent li jista' jintuża biex jiġu estratti l-kostitwenti mill-pjanti b'mod partikolarment intensiv. Għalhekk, il-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" evolva bħala *diġestiv*.

Il-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" huwa elenkat ukoll fil-bażi tad-*data* tal-ispeċjalitajiet tal-Ministeru Bavariż tal-Ikel, l-Agrikoltura u l-Forestrija fuq www.spezialitaetenland-bayern.de. Il-bażi tad-*data* fiha biss prodotti li ġew prodotti fir-reġjun għal tal-anqas 50 sena, li għandhom storja li turi rabta mill-qrib bejn il-prodott u r-reġjun, u li huma meqjusa mill-konsumaturi bħala tipikament Bavariżi jew tipiċi ta' reġjun fil-Bavarja.

Taħt diversi ftehimiet bilaterali bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u ċerti pajjiżi dwar il-protezzjoni reċiproka tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, il-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" ilu jiġi protett bħala indikazzjoni ta' oriġini ġeografika f'pajjiżi li jinkludu Franza, Spanja, il-Greċja u l-Iżvizzera mis-sittinijiet.

Il-Kunsill, b'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, irrikonoxxa l-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" bħala Denominazzjoni Ġeografika meta adotta r-Regolament (KEE) Nru 1576/89, l-ewwel Regolament Ewropew dwar ix-Xorb Spirituż. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ikkonfermaw dan l-istatus protett meta adottaw ir-Regolament (KE) Nru 110/2008, it-tieni Regolament Ewropew dwar ix-Xorb Spirituż.

7. **Dispożizzjonijiet nazzjonali/reġjonali jew tal-Unjoni Ewropea**

Il-"*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" huwa rreġistrat fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ir-Regolament dwar ix-Xorb Spirtuż) u għalhekk huwa protett bħala Indikazzjoni Ġeografika. Il-prodott għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti tal-liġi orizzontali tal-UE dwar l-ikel, tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xorb spirituż tal-UE li jkun speċifiku għall-prodott u tal-liġi nazzjonali supplimentari (eż. ir-rekwiżit li jiġi indikat in-numru tal-lott skont ir-Regolament dwar l-Identifikazzjoni tal-Lott).

8. **Suppliment għall-Indikazzjoni Ġeografika**

(a) Regola bażika dwar is-supplimenti għall-Indikazzjoni Ġeografika "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*":

Skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni dwar ix-xorb spirituż, l-isem "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*" jista' jiġi ssupplimentat biss bi:

— it-termini speċifikati taħt (b), jew

— termini għajr dawk speċifikati taħt (b) li jistgħu jintwerew li kienu f'użu komuni fl-20 ta' Frar 2008.

(b) Supplimenti b'termini oħra:

— Jekk ikun hemm indikazzjonijiet dwar il-maturazzjoni, it-tqaddim jew il-ħżin (eż. "alt" jew "alter" [qadim]) miżjuda mal-Indikazzjoni Ġeografika "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*", il-prodotti jridu jkunu ġew immaturati jew maħżuna f'kontenituri adattati għal tal-anqas sitt xhur.

— Jekk it-termini tal-kwalità (eż. "feiner" [fin] jew "Tafel-" [tal-mejda]) jiżdiedu mal-Indikazzjoni Ġeografika "*Münchener Kümmel/Münchner Kümmel*", il-prodotti jridu jkunu ta' kwalità sinifikament ogħla mill-prodotti standard. Pereżempju, dan jista" jkun minħabba li dawn ikollhom proporzjon partikolarment għoli ta' żrieragħ tal-karwija fit-taħlita mal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, jew minħabba l-użu ta' żrieragħ tal-karwija mkabbra b'mod organiku jew l-użu tal-alkoħol etiliku ffiltrat *extra* fin ta' oriġini agrikola jew varjetà speċifika ta' spirtu, jew minħabba li l-qawwa alkoħolika hija ħafna ogħla mill-qawwa alkoħolika minima stipulata għall-kategorija tal-prodotti.

9. **Applikant**

Bundesministerium für Ernährung und Landwirtschaft (BMEL) [il-Ministeru Federali tal-Ikel u l-Agrikoltura (BMEL)]
Referat 414 (Wein, Bier, Getränkewirtschaft) [Unità 414 (is-settur tal-inbid, il-birra, u x-xorb)]
Rochusstraße 1
53123 Bonn
DEUTSCHLAND

10. **Intermedjarji**

Bundesverband der Deutschen Spirituosen-Industrie und -Importeure e. V. [l-Assoċjazzjoni Federali tal-Industrija Ġermaniża għax-Xorb Spirituż u Importaturi ta' Xorb Spirituż]
Urstadtstraße 2
53129 Bonn
DEUTSCHLAND

Südostbayerischer Verband der Obst- und Kleinbrenner e. V. [l-Assoċjazzjoni Bavariża tax-Xlokk għall-Ispirti tal-Frott u Distillaturi ta' Skala Żgħira]
Werkstraße 16
84513 Töging am Inn
DEUTSCHLAND

11. **Awtoritajiet ta' Kontroll**

L-oġħla awtorità tal-*Art* responsabbli għall-verifika tal-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2019/787):

Bayerisches Staatsministerium für Ernährung, Landwirtschaft und Forsten, Referat M1 [il-Ministeru tal-Istat Bavariż għall-Ikel, l-Agrikoltura u l-Forestrija Unità M1]
Ludwigstraße 2
80539 Munich
DEUTSCHLAND

Telefown: +49 08921820

Posta elettronika: poststelle@stmelf.bayern.de; Ref-M1@stmelf.bayern.de;

L-oġħla awtorità tal-*Art* responsabbli għas-sorveljanza tal-użu tal-ismijiet fis-suq (skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/787):

Bayerisches Staatsministerium für Umwelt und Verbraucherschutz (STMUV) [il-Ministeru Bavariż tal-Ambjent u l-Ħarsien tal-Konsumatur]
Rosenkavalierplatz 2
81925 Munich
DEUTSCHLAND

Telefown: +49 89921400

Posta elettronika: poststelle@stmuv.bayern.de